# FEJN TASAL L-IMHABBA

Ragel zaghzugh sfida l-bard u l-kesha ta' dak il-lejl mudlam biex jissellef xi faham jaqbad halli jkun jista jqabbad n-nar ghal martu u t-tarbija li kienet ghadha kemm twieldet.

Mar kullimkien u ma sab lil hadd imqajjem. Fl-ahhar lemah fjamma tmemmen xi ftit il-boghod. Meta resaq lejha nduna li kienet daqsxejn ta' huggiega li rghaj kebbes biex jishon mill-bard. Ir- rghaj kien rieqed imma hdejh kellu kelb ta' l-ghassa.



Hekk kif iz-zaghzugh qorob lejn dik in-naha il-kelb qam ghalih imma ma setghax jimbah. Attakah izda l-htiega li z-zaghzugh jakkwista n-nar gaghlitu jkompli jersaq lejn il-huggiega. L-ugigh tal-gidma li sofra f'saqajh ma kienx qed ihossu. In-naghag kienu reqdin u ghalkemm ir-ragel ghadda minn bejnithom ebda wahda ma qamet.

Issa r-rghaj qam minn nghas u lemah liz-zaghzugh resaq lejh sewwa. Qabad il-bastun u

waddabhulu imma haga ta' l-ghageb meta dan kien qrib iz-zaghzugh dar u mar f'direzzjoni opposta. Iz-zaghzugh resaq lejn ir-rghaj u talbu in-nar.

Xtaq jghidlu le imma fih ra li kien ragel straordinarju. La l-kelb u anqas in-nghag u aktar u aktar il-bastun ma setghu jaghmlu hsara lir- ragel. Accetta li jtih. Imma aktar staghageb ir- rghaj meta rah jigbor xi bicciet tal-faham ahmar nar b'idejh u jgezwirhom fil-mantel biex ma jintfewx sa ma jasal hdejn martu u ma jigrilu xejn.

Ir-rghaj mexa' wara z-zaghzugh u ra lil mart iz-zaghzugh u t-tarbija jistkennu gewwa ghar . Huwa tqanqal bil-hniena u ta l-mantell tas-suf tan-naghag lir-ragel biex jghatti lit-tarbija biex tishon u ma thoss aktar kesha.

Mal-mument li wera hniena huwa sab ruhu mdawwar b'ghad kbir ta' angli kollha jkantaw li jhabbru li twieled is-salvatur tal-bnedmin. Ghajnejn ir-rghaj infethu u fehem ghaliex xejn hazin ma kien gara lil dak l-istranjier. Kemm hassu ferhan u radd hajr lil Alla li kien tant ixxurtjat li zar lis-Salvatur tarbija.

Bhalma r-rghaj fetah ghajnejh ghal dawk il-hwejjeg qaddisa hekk jista jigri lilna basta naghmlu dawn il-hwejjeg bis-sincerita' u intenzjoni retta. Kull bniedem huwa msejjah biex jara l-glorja t'Alla bl-ghajnejn tal-fidi hawn fid-dinja b'sempliciment att tajjeb gej mill-qalb.